IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru39 (disa u tletin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret online nhar it-Tlieta 28 ta' Settembru, 2021, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **Skużat:** | Anthony Valvo |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**39.1. Item Nru 39.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

39.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.30pm u s-Sur Valvo informa li mhux ser ilaħħaq minħabba impenji oħra. Kulħadd qabel li jkun ikkunsidrat skuzat.

**39.2. Item Nru. 39.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Il-Minuti ġew moqrija u ma kienx hemm korrezzjonijiet. Għalhekk ġew approvati unanimament.

**39.3 Item Nru. 39.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

39.3.1 Is-Sindku qal li kellna l-laqgħa mac-*Chief of Staff* tal-Ministru Miriam Dalli minħabba l-irwejjaħ mil-impjant tad-drenaġġ. Mil-laqgħa ħareġ li fi ftit żmien ieħor il-load tal-impjant għandu jonqos bi 30% minħabba li ser jiġi ddevjat għal Wied il-Għajn u għalhekk ir-riħa għandha tonqos ukoll. Il-Water Services Corporation ser toħroġ leaflet b'din l-infomazzjoni biex tiġi ċċirkulata fix-Xgħajra.

39.3.2. Is-Sur Attard qal li bdejna naħdmu fuq it-tender tal-Jogging Track sabiex ikun jista jiġi ppublikat.

39.3.3. Is-Sindku tkellem fuq ir-railing tax-Xatt u qal li propju nhar it-Tnejn li ġej ser issir laqgħa mal-Public Works max-xatt sabiex nitkellmu u ssir il-pjanta biex ikun jista jibda l-proċess għas-sejħa.

39.3.4 Is-Sindku qal li għada ser jeħlu cameras ġodda fi Triq Wied Glavan, Triq it-Torri t' Alof de Wignacourt u Trejqet ix-Xilep sabiex nelgħbu l-problema tal-iskart illegali.

39.3.5 Is-Sur Neil Attard qal li dwar l-applikazzjoni għall-iskema tal-bandli għadna ma smajna xejn mid-DLG.

39.3.6 Is-Sur Attard qal li dwar id-Development Funds application għall-bandli għadna ma bdejniex u sar qbil biex inkellmu lil Perit Buhagiar sabiex naraw kif jista jibda jaħdem fuqha.

Mal-Perit Buhagiar għandna bżonn laqgħa sabiex nitkellmu wkoll fuq il-permess tal-Boċċi u l-Compliance tal-Hall.

39.3.7 Il-Kunsill qabel sabiex nitkellmu mal-MED Developers sabiex jgħidlna sa fejn jasal u kemm jibqa spazju għal Dogs Park. Minhemm ikollna indikazzjoni ta' kemm nistgħu ninvestu f'dan il-proġett.

Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk nistgħux nużaw ukoll mil-fondi ta' Development Funds għal dan id-dogs park.

39.3.8 Is-Sindku qal li hemm applikazzjoni għal fondi biex jiġu rranġati każini u l-Klabb tal-Futbol talbu biex ikollhom approvazzjoni mingħandna wkoll minħabba li l-Kirja hija f'isem il-Kunsill. Għalhekk imbgħad ikunu jistgħu japlikkaw huma. Il-Kunsill qabel li din l-approvazzjoni tingħata mil-Kunsill b'permezz ta' ittra lic-CEO tal-Lands is-Sur Robert Vella.

**39.4 Item Nru 39.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

39.4.1 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk jistawx jinxtraw 2 laptops u printer biex jintużaw fil-klassi ta' fejn il-Librerija.

Hi staqsiet ukoll jekk jistax ikollna Interactive Whiteboard sabiex it-tagħlim isir aħjar.

**39.5 Item Nru. 39.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

39.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**39.6 Item Nru. 39.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

39.6.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor.

**39.7 Item Nru. 39.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

39.7.1 Pagamenti b'numru 106 ġew approvati unanimament.

**39.8 Item Nru. 39.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

39.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**39.9 Item Nru. 39.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

39.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.07pm

Aġġornament għal-nhar il-Ħamis 28 ta' Ottubru, 2021

Iffirmat

______________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

Iffirmat

______________________

Neil Attard

Sindku